

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 2020 – Leonardo vs Frontex****(Kawża T-849/19 R)****(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza”)**

(2020/C 201/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet***Rikorrent:* Leonardo SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: A. Parrella, avukat)*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (rappreżentanti: S. Drew, H. Caniard, C. Georgiadis u A. Gras, aġenti, assistiti minn M. Vanderstraeten, F. Biebuyck u V. Ost, avukati)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għall-għoti ta' miżuri provviżorji fir-rigward tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-avviż ta' kuntratt ippubblikat fit-18 ta' Ottubru 2019 minn Frontex, intitolat “Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Piplotati mill-Bogħod (RPAS) għas-Sorveljanza Marittima mill-Ajru b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja”.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2020 – Nouryon Industrial Chemicals et vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-868/19 R)****(Proċeduri għal miżuri provviżorji – REACH – Is-sustanza ossidu tad-dimetil – Stħarriġ ta' konformità – Deċiżjoni tal-Kummissjoni – Obbligu li tiġi pprovduta ċerta informazzjoni li teħtieġ provi fuq l-annimali – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza)**

(2020/C 201/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrenti:* Nouryon Industrial Chemicals BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), Knoell NL BV (Maarssen, il-Pajjiżi l-Baxxi), Grillo-Werke AG (Duisbourg, il-Ġermanja), PCC Trade & Services GmbH (Duisbourg) (rappreżentanti: R. Cana, G. David, avukati, u Z. Romata, solicator)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lindenthal u K. Mifsud-Bonnici, aġenti)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni C(2019) 7336 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Ottubru 2019, dwar l-istħarriġ tal-konformità tar-reġistrazzjoni tal-ossidu ta' dimetil sottomess lill-Kummissjoni permezz tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, konformement mal-Artikolu 51(7) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, Rettifiki ĠU 2007, L 136, p. 3; ĠU 2008, L 141, p. 22; ĠU 2009, L 36, p. 84), u, min-naħa l-oħra, għall-għoti ta' kull miżura provviżorja oħra li l-Qorti Ġenerali tiġġudika xierqa.